**6 ta' Ġunju**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Il-Prokuratur Legali Joseph Zammit għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Limited.

*versus*

Anthony Agius bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali 'Aquarians Limited' u Anthony Agius f'ismu proprju.

**Appell - Kontumaċja - Ġustifikazzjoni ta'**

*Banka attriċi fittxet għall-irkupru ta' kreditu ta' flus avvanzati. L-appell tal-konventut ġie respint għaliex fost konsiderazzjonijiet oħra kien kontumaċi quddiem l-ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tas-6 ta' Frar, 1992, li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:

'Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li b'żewġ kuntratti ppubblikati minn Nutur Carmel Martinelli fid-19 ta' Marzu, 1987, u fil-5 ta' Ottubru, 1988, l-attur nomine kkonċeda '*Overdraft Facilities*' lill-konvenut nomine bit-termini u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija;

Premess li fl-istess kuntratti fuq imsemmija l-konvenut Anthony Agius iggarantixxa '*in solidum*' mas-soċjetà kummerċjali '*Aquarians Limited*', għaf-favur tal-*Bank of Valletta Limited*, id-debiti ta' l-istess soċjetà kummerċjali '*Aquarians Limited*' mal-*Bank of Valletta Limited*;

Premess li l-attur nomine jinsab kreditur tal-konvenut nomine fl-ammont ta' erbgħa u tletin elf tliet mija u sitta u tmenin lira Maltija tlieta u sebgħin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm34,386.73,5) bilanċ għad-debitu fl-'*Overdraft Account*' tas-soċjetà kummerċjali '*Aquarians Limited*' mal-*Bank of Valletta Limited*, liema ammont ġie ammess mill-konvenut nomine permezz ta' skrittura privata ddatata 23 ta' Lulju, 1991, (Dok A) flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mit-23 ta' Lulju, 1991 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Premess li bi skrittura privata u ddatata 9 ta' Awissu, 1988, u li kopja fotostatika tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok B il-konvenut Anthony Agius iggarantixxa '*in solidum*' mas-soċjetà kummerċjali '*Aquarians Limited*', għaf-favur ta' l-attur nomine, id-debitu ta' l-istess soċjetà kummerċjali '*Aquarians Limited*' mal-*Bank of Valletta Limited*;

Premess li sew il-konvenut nomine u sew il-konvenut proprju ġew interpellati permezz ta' żewġ ittri uffiċjali ddatati 15 ta' Marzu, 1991, hawn esibiti u mmarkati Doc C u D sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi iżda dawn baqgħu kollha inadempjenti;

Talab għalhekk l-attur nomine lil din il-Qorti: tikkundanna lill-konvenut Anthony Agius bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali '*Aquarians Limited*' u Anthony Agius f'ismu proprju jħallsu lill-attur nomine s-somma ta' erbgħa u tletin elf, tlett mija u sitta u tmenin lira Maltija, tlieta u sebgħin ċenteżmi u ħames milleżmi (Lm34,386.73,5) bilanċ għad-debitu fl-*overdraft account*' tas-soċjetà kummerċjali '*Aquarians Limited*' mal-*Bank of Valletta Limited* flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mit-23 ta' Lulju, 1991, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Marzu, 1991, u tal-mandati ta' Sekwestru, Qbid u Impediment tas-Safar kontra persuna li ġew ippreżentati kontestwalment u l-imgħaxijiet ulterjuri mit-23 ta' Lulju, 1991, sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut proprju et nomine;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine debitament imwettqa bil-ġurament u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament innotifikata lill-konvenut, li naqas li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqa' kontumaċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża u rat id-dokumenti li ġew esebiti fosthom in-nota ta' riduzzjoni;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba attriċi tirriżulta ppruvata;

Fil-kontumaċja tal-konvenut proprju et nomine tiddeċidi billi

tilqa' t-talba attriċi kif ulterjorment ridotta għal erbgħa u tletin elf u tlieta u tmenin lira Maltija, sebgħa u tletin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm34,083.37,5) kontra l-konvenut proprju et nomine kompriż il-kap ta' l-ispejjeż u interessi legali kif mitlub sal-ħlas effettiv;'

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine u f'ismu proprju u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi kif intavolati bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine;

Rat ir-risposta ta' l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-appellant u lil Raphael Pullicino;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-aggravju ta' l-appell jikkonsisti fis-sottomissjoni illi skond l-appellant fil-mument illi l-imsemmija ċitazzjoni ġiet ippreżentata, parti sostanzjali mill-ammont irriklamat fil-konfront ta' l-istess soċjetà kien jifforma l-meritu ta' proċeduri ġudizzjarji oħra li l-Bank stess kien istitwixxa fil-konfront ta' terżi persuni (tramite azzjonijiet kambjarji) li kienu ser jirriżultaw f'eżitu doppju għall-istess Bank, filwaqt li s-soċjetà attriċi kienet prekluża milli tieħu hi dawk il-proċeduri kontra l-aċċettanti tal-kamjali peress li, kif ingħad, il-kambjali maturati kienu fil-pussess tal-Bank;

L-appellant inoltre jissottometti illi l-ammont ta' ħlasijiet magħmula mis-soċjetà appellanti sad-data tas-sentenza, u kwindi sa *dak in-nhar li ġiet ippreżentata n-nota ta' riduzzjoni kien akbar* mill-ammont li ġie indikat mill-attur nomine;

Ikkonsidrat:

Illi qabel xejn hemm preġudizzjali mqajma mill-attur nomine appellat fis-sens illi qed jiġi sottomess li l-appellant ma jistax jissotttometti dwar l-aggravji tiegħu fil-meritu qabel ma jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu għas-sodisfazzjoni tal-Qorti. Ċertament din il-preġudizzjali trid tiġi kkonsidrata l-ewwel u qabel kollox għax sakemm il-kontumaċja ma tiġix ġustifikata dak li qed jissottometti l-appellat huwa korrett legalment;

Għal dan il-fini, u anki għax l-appellant permezz tad-difensur tiegħu ssottometta li hu sar jaf bis-sentenza b'kumbinazzjoni għax inzerta kien il-Qorti, din il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' l-appellant. Minn din ix-xhieda, però, ma toħroġx spjegazzjoni *għaliex huwa baqa' kontumaċi fi prim'istanza*. *Fid-deposizzjoni* tiegħu, l-appellant sostna anzi li f'Diċembru, 1991, huwa rċieva ċ-ċitazzjoni, u dak in-nhar stess ikkonsenjaha lil Dr Emmanuel Mallia - mingħajr ma qal f'liema data - u hu u l-avukat tiegħu dehru għall-kawża u dak in-nhar stess marru l-Bank u rranġa li għandu jħallas xi ħaga fix-xahar. Spjega wkoll li qabel kien diġà laħaq tip ta' ftehim bħal dan mal-Bank. L-appellant qal *ukoll* meta mbagħad irċieva 'il-mandat' sab lill-Avukat tiegħu Dr Micallef u qallu biex jappella mis-sentenza;

Raphael Pullicino tal-*Bank of Valletta* kkonferma li wara li kienet ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni huwa kien iltaqa' ma l-

appellant fil-*Head Office* tal-Bank u sar diskors dwar kif l-appellant seta' jħallas. Però, ma kien hemm ebda ftehim li titwaqqaf il-kawża. Huwa kkonferma ukoll li xi sena qabel ma saret il-kawża kien hemm ftehim ma' l-appellant li jħallas b'rati però dan il-ftehim ma ġiex onorat u għalhekk saret il-kawża. Wara l-kawża saru xi pagamenti ċjoè Lm200 f'Jannar 1992, Lm600 fi Frar 1992, Lm400 f'Marzu 1992, u Lm400 f'April 1992 u mbagħad ma sarux pagamenti oħra;

Huwa ovvju li f'dawn iċ-ċirkostanzi b'ebda mod ma jista' jingħad li l-appellant iġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

Għal kull buon fini tista' tiżdied konsiderazzjoni oħra u dan billi l-appellant sostna illi qabel is-sentenza kien intlaħaq ftehim mal-Bank u allega li kien ġie rtirat il-mandat ta' sekwestru li l-Bank kien ottjena kontra tiegħu u li hu kien sar jaf li jista' jkun hemm xi proċeduri kontrih meta rċieva dan il-mandat;

Effettivament, huwa veru li jirriżulta mill-atti li kien sar mandat ta' sekwestru kawtelatorju (numru 3703/91) dak in-nhar stess li ġiet ipprezentata ċ-ċitazzjoni. Però, għalkemm f'ittra esebita li ġġib id-data tas-17 ta' Diċembru, 1991, miktuba mill-appellant lill-Manager tal-*FEDCO* huwa jallega li ntlaħaq ftehim mal-Bank ta' pagamenti rateali li jitħallsu mill-*FEDCO* u li ġie rtirat il-mandat ta' sekwestru. Dan ma jirriżultax mill-atti, anżi kif ingħad, Raphael Pullicino wara li ġiet ipprezentata iċ-ċitazzjoni, għalkemm hu vera li l-appellant kellmu biex isir ftehim ieħor, fl-ebda ħin ma kien hemm impenn min-naħa tal-Bank li jwaqqaf il-proċeduri jew li jirtira s-sekwestru;

Għal dawn il-motivi, għalhekk l-appell huwa respint u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-

appellant, salv s'intendi, li kwalunkwe somma li tirriżulta mħallsa akkont tas-sorte fil-mori wara l-prolazzjoni tas-sentenza appellata għandha titnaqqas.